MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1726/1998/1

Anthony *sive* Twanny u Leo, aħwa **BUĠEJA**

vs

Filomena **MICALLEF**, Ġużeppa Micallef, Evelyn Micallef, Antonia Micallef, Saviour Micallef, u Tereża Baldacchino; u b'degriet tal-24 ta' Mejju, 1999, issejħu fil-kawża Antonia mart John Saliba u Salvino Baldacchino, aħwa Baldacchino; u b'degriet tal-5 ta' Lulju, 2000, il-ġudizzju għadda fil-persuna ta' Saviour, Ġużeppa, Evelyn u Filomena aħwa Micallef minħabba l-mewt ta' oħthom l-imħarrka Antonia Micallef waqt is-smigħ tal-kawża

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' Awissu, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) tillikwida l- komunjoni tal-akkwisti li kellhom bejniethom in-nanniet materni tagħhom Antonio u Filippa, miżżewġin Micallef; (b) taqsam il-ġid rispettiv hekk likwidat f'żewġ ishma ndaqs, li wieħed minnhom jkun assenjat lill-ġid partikolari tal-mejjet Antonio Micallef u l-ieħor lill-ġid partikolari ta' Filippa Micallef; (ċ) tillikwida l-ġid partikolari ta' Antonio Micallef billi ssib li jikkonsisti fin-nofs ($^1/_2$) mhux maqsum tal-komunjoni tal-akkwisti u f'dak il-ġid l-ieħor kollu li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (d) tordna l-qasma tal-ġid partikolari ta' Antonio Micallef skond id-dispożizzjonijiet li ħalla fit-testment tiegħu u tordna wkoll li jitħallsu jew jingħataw il-legati u l-prelegati minnu ordnati fl-istess testment; (e) tillikwida l-ġid partikolari ta' Filippa Micallef billi ssib li jikkonsisti fin-nofs ($^1/_2$) mhux maqsum tal-komunjoni tal-akkwisti u f'dak il-ġid l-ieħor kollu li jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (f) tillikwida l-leġittima dovuta lill-atturi mill-ġid tal-imsemmija Filippa Micallef; (ġ) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom u/jew jassenjawlhom is-sehem tal-leġittima hekk likwidat; u (ħ) taħtar, jekk meħtieġ, periti biex jillikwidaw u jissuġġerixxu kif imisshom jassenjaw il-legittima msemmija, nutar pubbliku biex jippubblika l-kuntratt tal-qasma relattiv, u kuraturi biex jidhru fuq l-imsemmi kuntratt f'isem dawk li jonqsu li jersqu fuq l-att tal-qasma. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-12 ta' Frar, 1999, li biha l-imħarrkin aħwa Micallef laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li ma jidhirx li l-ġudizzju kien sħiħ għaliex kien hemm persuni oħrajn interessati fil-wirtijiet mertu tal-każ u li ma kenux fil-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li huma kienu wkoll fetħu kawża ta' likwidazzjoni u qasma tal-istess ġid[1] u b'hekk iż-żewġ kawżi jmisshom jimxu u jinstemgħu flimkien;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Mejju, 1999[2], li bih u fuq talba magħmula waqt is-smigħ ta'

[1] Ċitazz. Nru. 1615/98RCP
[2] Paġ. 31 tal-proċess

dakinhar mill-avukat tal-atturi, ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Antonia mart Joseph Saliba u Salvino Baldacchino, aħwa Baldacchino;

Rat li minkejja li l-imħarrka Tereża Baldacchino u wliedha l-imsejħin fil-kawża laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża, baqgħu ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għall-azzjoni attriċi u b'hekk baqgħu kontumaċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Marzu, 2000[3], li bih ħatret lill-avukat Tonio Mallia bħala perit legali u lill-Perit Arkitett David Paċe bħala perit tekniku biex jgħin lill-perit legali;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fil-21 ta' Frar, 2002[4], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tal-10 ta' Lulju, 2003;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża li kienet qiegħda tinstema' magħha;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[3] Paġ. 35 tal-proċess
[4] Paġġ. 64 sa 85 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għall-qasma ta' ġid ġej minn wirt u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-leġittima (sehem riżervat). Bl-azzjoni tagħhom, l-atturi jridu li l-ġid li ġej mill-wirt tal-ġenituri ta' ommhom jinqasam bejnhom u bejn iz-zijiet (l-imħarrkin) u l-kuġini tagħhom (l-imsejħin fil-kawża) u dan skond ir-rieda tal-istess nanniet materni kif imfissra fit-testmenti rispettivi tagħhom;

Illi l-imħarrkin aħwa Micallef ma wrewx li huma kontra t-talbiet, għaliex, għall-kuntrarju, qalu li qabel infetħet din il-kawża huma nfushom kienu fetħu kawża kontra l-atturi għall-istess raġuni;

Illi l-imħarrka Tereża Baldacchino u wliedha msejħin fil-kawża baqgħu kontumaċi;

Illi din il-kawża nstemgħet flimkien ma' oħra bejn l-istess partijiet u li s-sentenza tagħha qiegħda tingħata llum ukoll. Il-fatti u l-provi mressqa fiż-żewġ kawżi jgħoddu għat-tnejn;

Illi, minbarra dan, minkejja li fil-bidu l-Qorti (diversament presjeduta) kienet ħatret perit legali b'għajnuna ta' perit tekniku, tressaq rapport wieħed biss – dak tal-perit tekniku – u qatt ma tressaq rapport tal-perit legali;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li Antonio u Filippa miżżewġin Micallef kienu żżewġu fis-27 ta' April, 1929, u kellhom seba' (7) wlied. L-atturi, aħwa Buġeja, jiġu l-ulied ta' waħda minn dawn l-ulied – li kien jisimha Mary, u li żżewġet lil Philip Buġeja. L-imħarrkin aħwa Micallef huma ħames (5) ulied l-oħrajn tal-imsemmija miżżewġin Micallef, filwaqt li l-imħarrka Tereża mart Philip Baldacchino hija bint oħra, waqt li ż-żewġ imsejħin fil-kawża huma wliedha;

Illi l-imsemmi Antonio Micallef miet testat fit-23 ta' Ġunju, 1973[5], u l-wirt tiegħu huwa regolat bis-saħħa ta' tliet (3) testmenti *unica charta* lkoll fl-atti tan-Nutar Emanuel Aġius bid-dati tal-5 ta' April, 1965[6], 12 ta' Jannar, 1967[7] u 9 ta'

[5] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[6] Dok "Ċ", f'paġġ. 8 – 11 tal-proċess

Frar, 1972[8] rispettivament. Id-denunzja tas-suċċessjoni tal-wirt tiegħu tressqet fis-6 ta' Ottubru, 1973[9];

Illi fl-ewwel testment, it-testaturi ħallew lil min jibqa' ħaj minnhom b'legat (i) il-proprjeta' tal-ġid mobbli kollu, flus, krediti, depożiti u ħwejjeġ ta' deheb jew ħaġar prezzjuż; u (ii) b'użufrutt, il-ġid immobbli kollu ta' min ikun miet l-ewwel fosthom. Għal wara l-mewt tal-aħħar fosthom, ħallew b'legat favur dawk minn fost uliedhom li jkunu għadhom ma żżewġux u jkunu għadhom jgħixu fid-dar taż-żwieġ tal-istess testaturi (u sakemm jibqgħu hekk jgħixu fiha), l-użufrutt tal-istess dar u l-użu tal-ġid kollu mobbli li jkun jinsab fiha. Ħallew ukoll prelegati partikolari favur uħud minn uliedhom u ħatruhom ilkoll bħala werrieta universali tagħhom f'ishma ndaqs bejniethom, bil-maħfra tal-imputazzjoni ta' dak li kienu tawhom matul ħajjithom. Is-superstiti ngħatat il-fakulta' li tibdel it-testment bla sanzjoni. Fit-tieni testment (aġġuntiv), ordnaw li d-dar taż-żwieġ tagħhom, minkejja li suġġetta għall-użufrutt u l-użu msemmi fl-ewwel testment, titħalla b'ġid lil binhom Salvatore. F'dak li jirrigwarda l-postijiet imħollija lil binthom Marija b'legat, dawn ordnaw li t-tifla jibqagħlha l-jedd ta' tgawdija tal-istess postijiet filwaqt li uliedha (l-atturi) jitħallew il-proprjeta' tagħhom f'ishma ndaqs. L-istess għamlu dwar il-legat imħolli favur binthom l-oħra (l-imħarrka Tereża Baldacchino), li ħallewlha biss it-tgawdija tagħhom filwaqt li ħatru lil uliedha (l-imsejħin fil-kawża) s-sidien tal-istess postijiet. Fit-tielet testment (aġġuntiv), huma ħallew id-dar taż-żwieġ (dejjem suġġetta għall-użufrutt u l-użu favur uliedhom li jkunu għadhom m'humiex miżżewġin u/jew jgħixu fiha) b'legat favur binthom Ġużeppa u mhux aktar b'legat favur binhom Salvatore, filwaqt li b'titolu ta' legat ħallew lil binthom Ġużeppa żewġ postijiet oħrajn;

Illi meta miet Antonio Micallef, hu u martu (u wliedu mhux miżżewġin) kienu joqogħdu fid-dar bin-numru mija u ħamsa u tletin (135), Triq il-Wied, l-Imsida;

---

[7] Dok "D", f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess
[8] Dok "E", f'paġġ. 14 – 5 tal-proċess
[9] Denunzja 3374/73, Dok "J", f'paġġ. 18 – 9 u 36 sa 42 tal-atti tal-kawża 1615/98

Illi Marija Buġeja, omm l-atturi, mietet fis-16 ta’ Novembru, 1973[10]. Dak iż-żmien iż-żewġ uliedha (l-atturi) kienu għadhom taħt l-eta’;

Illi l-imsemmija Filippa Micallef imwielda Tanti, l-armla tal-imsemmi Antonio, mietet testata fit-2 ta’ Ottubru, 1986[11], u l-wirt tagħha huwa wkoll regolat bl-imsemmija tliet testmenti *unica charta* u b’testment aġġuntiv li hija għamlet fl-4 ta’ April, 1974[12], fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia, wara li kienet romlot. F’dak it-testment tagħha hija ħalliet sehemha ta’ nofs ($^1/_2$) mhux maqsum taż-żewġ postijiet li hija w żewġha kienu ħallew lill-atturi u b’użufrutt favur binthom Marija Buġeja, u minflok ħalliet dak sehemha b’legat favur binha Salvatore, li wkoll ħallietlu vann u karozza b’titolu ta’ prelegat. Lil dawk uliedha bniet li kienu jgħixu fid-dar tagħha (u magħha) ħallitilhom b’titolu ta’ legat fi proprjeta’ u f’ishma ndaqs bejniethom dak il-ġid mobbli kollu li jkun jinsab fid-dar tagħha dak inhar ta’ mewtha, minbarra flus depożitati f’banek u titoli li jirrappreżentaw flejjes. Hija ħatret b’werrieta universali tagħha lil uliedha Evelyn, Filomena, Antonia, Ġużeppa u Salvatore f’ishma ndaqs bejniethom. Lil uliedha Marija Buġeja[13] (omm l-atturi) u Tereża Baldaccchino (l-imħarrka) ma ħallithomx aktar werrieta universali tagħha;

Illi d-denunzja tas-suċċessjoni ta’ Filippa Micallef tressqet fit-3 ta’ Frar, 1987[14];

Illi l-imħarrka Antonia Micallef mietet, xebba u testata, fid-29 ta’ Marzu, 2000[15]. B’testment tagħha tat-13 ta’ Diċembru, 1973[16], fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza, ħalliet b’werrieta universali tagħha lil ħutha Evelyn, Ġużeppa, Filomena u Salvatore. Billi l-mewt tagħha ġrat matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, il-wirt tagħha għadda fil-persuna tal-imsemmija erba’ ħutha li kienu diġa’ partijiet fil-kawża;

[10] Dok “Ħ”, f’paġ. 17 tal-Atti tal-Kawża 1615/98
[11] Dok “B”, f’paġ. 7 tal-proċess
[12] Dok “F”, f’paġġ. 16 – 21 tal-proċess
[13] Li, sa dak iż-żmien, kienet mietet diġa’ qabel ommha
[14] Dok “K”, f’paġġ. 43 – 8 tal-Atti tal-Kawża 1615/98
[15] Dok “ZA”, f’paġ. 38 tal-proċess
[16] Dok “ZD”, f’paġġ. 39 – 40 tal-proċess

Illi minħabba li ma kienx hemm qbil bejn l-atturi u l-imħarrkin dwar il-valuri li ngħataw lill-ġid immobbiljari tal-ġid tan-nanniet tagħhom, tqabbad perit min-naħa tal-imħarrkin, li ta stimi tal-istess ġid b'rapport tiegħu *ex parte* tat-3 ta' Frar, 1995[17];

Illi f'Ottubru tal-1986, missier l-atturi[18] kien talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni dwar dak li kien jinsab fid-dar 135, Triq il-Wied, l-Imsida[19];

Illi l-atturi fetħu l-kawża f'Awissu tal-1998;

Illi bħala <u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, għandu jingħad minnufih li f'azzjoni għall-qasma tal-ġid li ġej minn wirt, li kienet tissejjaħ l-*actio familiae erciscundae* fid-Dritt Ruman, il-liġi[20] tordna li għandhom jitħarsu r-regoli tal-qasma tal-beni in komun u tal-liċitazzjoni, fejn ikun il-każ. Fost il-prinċipji li jirregolaw il-qasma ta' ġid in komun, wieħed isib li (a) kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu ta' ġid *in natura*[21], (b) f'kull sehem għandha tiddaħħal l-istess kwantita' ta' mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur[22] u (ċ) li l-ishma hekk formati għandhom, bħala regola, jittellgħu bix-xorti jekk l-ishma li jkunu qegħdin jinqasmu jkunu ndaqs[23];

Illi xieraq jingħad li ħsieb il-liġi huwa li ħadd ma jista' jkun imġiegħel li jibqa' fil-komunjoni tal-ġid ma' oħrajn li għandom sehem mill-istess ġid[24]. Din ir-regola tgħodd kemm jekk l-imsemmi ġid jaqa' f'idejn bosta nies minħabba l-ftuħ ta' wirt, u kemm ukoll jekk il-ġid ikun ġie f'idejn bosta nies b'kuntratt wieħed;

Illi fi kwestjonijiet ta' qasma ta' wirt u jekk il-ġid jistax jinqasam materjalment mingħajr diskapitu, huwa stabilit li għandu jittieħed qies tal-valur tal-ishma fil-waqt li fih

---

[17] Dok "JP1", f'paġ. 86 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Philip Buġeja 4.3.2004 f'paġ. 108 tal-proċess
[19] Dok "PB1", f'paġġ. 96 sa 104 tal-proċess
[20] Art. 907 tal-Kap 16
[21] Art. 502 tal-Kap 16
[22] Art. 504 tal-Kap 16
[23] Art. 510(1) tal-Kap 16
[24] Art. 496(1) tal-Kap 16

tinfetaħ is-suċċessjoni, għaliex huwa dak il-waqt li jnissel l-istat tal-komunjoni li jagħti lok għall-jedd li wieħed jitlob il-qasma[25];

Illi minbarra dan il-liġi trid li, meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantita' ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess għamla u valur[26]. Il-liġi tistabilixxi wkoll[27] li r-regola ewlenija fil-qasma ta' ishma f'wirt hi li dawk l-ishma jittellgħu bix-xorti, u huwa biss fil-każ li l-ishma m'humiex indaqs jew jekk il-partijiet kollha jaqblu li l-qasma għandha ssir b'assenjazzjoni[28]. Għalkemm hemm fehmiet li jgħidu li tali regola m'hijiex inflessibbli[29], jidher li l-leġislatur irid li sakemm ma jkunx hemm il-qbil tal-komproprjetarji kollha u l-ishma jkunu ndaqs, m'għandhiex issir il-qasma bl-assenjazzjoni. Jidher li din ir-regola tal-liġi m'hijiex fakoltativa imma tassativa[30];

Illi madankollu l-qasma ta' wirt bix-xorti jew bl-assenjazzjoni tkun tista' ssir biss jekk kemm-il darba l-ishma jkunu jistgħu jitfasslu u jintgħamlu b'mod li jirrispettaw l-ishma ta' dawk imsejħa biex jaqsmu. Jekk dan ma jistax isir bla xkiel u ħsara għal tali jeddijiet, l-għażla li jifdal hi li l-wirt jinbiegħ b'liċitazzjoni u l-ishma jitħallsu mir-rikavat;

Illi minħabba li l-wirt tal-miżżewġin Micallef infetaħ qabel l-2004, it-talbiet attriċi jridu jitqiesu b'kif kienet il-liġi fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni rispettiva[31];

Illi f'dan il-każ ħareġ li l-miżżewġin Micallef kienu għamlu arranġamenti partikolari dwar il-ġid tagħhom. Fl-ewwel lok, kienu ħalqu bosta legati. Tibda l-ewwel bil-legati li ħallew lil xulxin favur min jibqa' ħaj l-aħħar fosthom.

---

[25] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Melkisedek Deguara vs Rose Calleja et***
[26] App. Ċiv. **17.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Randon noe vs Ebejer et*** (Kollez. Vol: **XLV.i.98**)
[27] Art. 510 tal-Kap 16
[28] P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[29] Fadda _Commentario sulle Leggi Civili,_ art. 993-6 u ara P.A. MCH **31.5.2012** fil-kawża fl-ismijiet *Seamus Borġ vs Thomas Borġ*
[30] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Scicluna vs Carmel Grech pro et noe et***
[31] Ara art. 116(2) tal-Att XVIII tal-2004

F’dan ir-rigward, huma riedu li l-ġid mobbli (magħduda flejjes, għamara, vetturi, titoli ta’ flus u deheb u ħaġar prezzjuż) jgħaddi bi proprjeta’ assoluta favur min jibqa’ ħaj l-aħħar; filwaqt li l-ġid immobbli tħalla jitgawda mis-superstiti b’użufrutt. Fit-tieni lok, dwar il-ġid immobbli kollu, dawn ħallewh b’titolu ta’ prelegati lil uliedhom jew ulied uliedhom (imma dejjem suġġetti għall-użufrutt favur min jibqa’ ħaj minnhom), b’mod li qishom assenjaw il-wirt tagħhom lil uliedhom bis-saħħa ta’ dawk id-dispożizzjonijiet. Sal-mewt ta’ Antonio Micallef hekk baqgħet il-pożizzjoni;

Illi, madankollu, mal-mewt ta’ Antonio Micallef inħalaq xenarju ieħor. Fl-ewwel lok, ftit xhur biss wara l-mewt tiegħu, mietet Marija Buġeja (omm l-atturi). Fit-tieni lok, Filippa Micallef inqdiet bil-fakulta’ mogħtija lilha minn żewġha li miet qabilha biex bidlet id-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha. B’dan il-mod, sehemha (ta’ nofs indiviż) miż-żewġ fondi li kienu tħallew b’legat favur l-atturi, ħallietu lil binha Salvu. Hekk ukoll, ħalliet b’werrieta tagħha lil ħamsa minn uliedha u neħħiet kull riferenza għal uliedha Marija Buġeja (li, sadattant, kienet ġiet nieqsa) u Tereża Baldacchino (l-imħarrka), iżda ma neħħitilhomx il-jedd għal-leġittima;

Illi ħadd mill-partijiet f’din il-kawża ma jidher li qiegħed jikkontesta d-dispożizzjonijiet testamentarji tal-imsemmija miżżewġin Micallef. In-nuqqas ta’ qbil qam dwar kemm imissu jitqies li jiswew il-postijiet u l-ġid immobbli tal-wirt u kemm kien hemm ġid mobbli (partikolarment flus u merkanzija) li fuqhom irid jinħadem is-sehem tal-leġittima mitluba;

Illi l-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta’ djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu

b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[32]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-*decuius*[33];

Illi jsegwi li idejalment il-leġittima trid tingħata *in natura*[34], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[35]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral[36] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[37], u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[38]. Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti[39];

Illi ladarba Filippa Micallef kellha sitt ulied ħajjin (flimkien mal-ulied ta' bintha premorta[40]) fil-waqt ta' mewtha, dan iġib li s-sehem riżervat sħiħ għandu jkun ta' nofs ($^{1}/_{2}$) tal-ġid ereditarju tagħha[41]. Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[42]. Dan ifisser li l-ulied kollha – kemm dawk li nħatru werrieta u wkoll dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt – iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[43]. Ifisser ukoll li sehem iż-żewġ atturi flimkien bejniethom jrid ikun ta' parti minn erbatax-il ($^{1}/_{14}$) sehem tal-ġid li jirriżulta li Filippa Micallef kellha dak inhar li mietet;

[32] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[33] App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472)**
[34] P.A. **22.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer et vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.574**)
[35] Art. 620(3) tal-Kap 16
[36] Art. 620(2) tal-Kap 16
[37] Art. 620(4) tal-Kap 16
[38] Art. 620(1) tal-Kap 16
[39] P.A. **7.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.696**)
[40] Li, għall-finijiet tal-art. 617 tal-Kap 16, jintgħaddu flimkien bħallikieku kienu "tfal" tad-*decuius*
[41] Art. 616(1) tal-Kap 16
[42] Art. 616(2) tal-Kap 16
[43] Art. 618(1) tal-Kap 16

Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[44];

Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) **bilfors** wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni". Iżda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni *in natura* (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "*un bene reale*" u l-"*aestimatio rei*" **għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni,** cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġjudizzjali u tenut kont għalhekk **ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja**"[45];

Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "*aestimatio rei*"[46]. Iżda, f'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat[47]. Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju

---

[44] P.A. **16.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Said vs Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.568**)
[45] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)
[46] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[47] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et***

għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet;

Illi x-xewqa tal-liġi li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt skond in-natura tiegħu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba biex isir hekk, iseħħ preġudizzju għall-ġid tal-istess wirt. Bħalma jseħħ fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistgħux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll hawnhekk, fejn ikun meħtieġ li xi sehem jingħata jew irid iħallas lil sehem ieħor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-għażla għandha tkun favur il-ħlas ta' somma u mhux favur qasma artifiċjali. Ta' min jgħid li l-liġi trid li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt[48], u ma tgħidx li jrid ikun magħmul minn biċċa minn kull ħaġa f'tali wirt. L-istess ħaġa tingħad jekk, fost il-ġid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu tħallew mill-mejjet bħala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabeż is-sehem li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-għażla u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk għandhiex issir assenjazzjoni *in natura* tal-ġid lil-leġittimarju;

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża, is-sehem riżervat li minnu jistħoqqilhom jieħdu l-atturi aħwa Buġeja jrid jinħadem fuq il-valur tal-ġid identifikat ta' nannithom materna fil-kundizzjoni li kien jinsab fiha mal-ftuħ tal-wirt tagħha;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis **x'kien il-ġid tal-wirt** tal-miżżewġin Micallef, awturi tal-partijiet f'din il-kawża. Għalkemm f'uħud mit-talbiet tagħhom, l-atturi jitolbu li ssir il-likwidazzjoni tal-ġid partikolari ta' Antonio u Filippa Micallef, mill-provi mressqa ma ħareġ l-ebda ġid li wieħed jista' jikkunsidrah bħala ġid parafernali jew partikolari ta' xi wieħed jew waħda minnhom. Wieħed irid iqis li huma żżewġu fl-1929 u minħabba li ma tressaq l-ebda kuntratt dwar il-kisba tal-ġid li dwaru l-partijiet jaqblu, wieħed ma

---
[48] Art. 620(2) tal-Kap 16

jkunx qiegħed jażżarda jekk iħaddem il-preżunzjoni tal-liġi li trid li l-ġid tal-miżżewġin jitqies li jagħmel mill-komunjoni tal-akkwisti fin-nuqqas ta' prova oħra[49];

Illi għal dak li jirrigwarda **l-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti**, ħareġ mill-atti tal-kawża li, fil-waqt tal-mewt ta' Antonio Micallef kien hemm erbatax-il (14) fond u l-jedd tad-dirett dominju perpetwu ta' fond f'Buġibba, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar. Kien hemm ukoll żewġ (2) vetturi; u ħdax-il (11) investiment *f'Bonds* britanniċi u depożitu bankarju wieħed (1) f'denominazzjoni ta' Lira Sterlina. Il-ġid immobbli msemmi kien jikkonsisti f'dan li sejjer jissemma (a) il-fond 135, Triq il-Wied, Msida (li kien id-dar taż-żwieġ tad-*decuius*); (b) il-fond 136, Triq il-Wied, Msida (ħanut li jmiss mad-dar); (ċ) il-fond 131, Triq il-Wied, Msida; (d) il-fond 132, Triq il-Wied, Msida; (e) il-fond 96A, Triq il-Wied, Msida; (f) il-fond 96B, Triq il-Wied, Msida; (ġ) il-fond 56, Triq Santa Venera, Msida (maħżen); (ħ) il-fond bl-isem ta' "*Ġuża*", 139, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (i) il-fond bl-isem ta' "*Tessie*", 141, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (j) il-fond bl-isem ta' "*Felle*" jew "*Philly*", 140/2, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (k) il-fond bl-isem ta' "*Sunny*", 140/1, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (l) il-fond "*St John*", 142, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (m) il-fond "*St Paul*", 143, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; u (n) il-fond f'numru 13, Vjal il-Qalb ta' Ġesu', San Ġiljan;

Illi, għall-finijiet tal-**ewwel talba attriċi** għalhekk il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn il-miżżewġin Antonio u Filippa Micallef f'Ġunju tal-1973 qiegħda titqies li kienet tikkonsisti fl-imsemmi ġid immobbli, fiż-żewġ vetturi, fid-depożiti u fl-investimenti msemmija u fl-għamara u t-tagħmir tad-dar taż-żwieġ. Issemma wkoll li Antonio Micallef kellu negozju tal-bejgħ ta' prodotti tal-ħelu. Kemm hu hekk, missier l-atturi jgħid li meta fl-1957 niżel Malta biex jiżżewweġ lil Marija, bint Antonio u Filippa Micallef, missier il-mara kien webblu biex jibqa' Malta u kien ħajru jibda jagħtih daqqa t'id fin-negozju li kellu[50]. Huwa minnu li tassew li Antonio Micallef kien bin-negozju, iżda l-provi mressqa juru li aktar m'għadda ż-żmien aktar

[49] Art. 1321(1) tal-Kap 16
[50] Xhieda ta' Philip Buġeja 4.3.2004, f'paġġ. 105 – 6 tal-proċess

beda jnaqqas mill-attivita' kummerċjali, l-iżjed minħabba li kienet laqtitu kundizzjoni medika li żammitu milli jibqa' jaħdem[51]. Għall-kuntrarju, tressqu provi li juru li sal-1971 (jiġifieri madwar sentejn qabel il-mewt ta' Antonio Micallef), kemm il-permessi tal-Pulizija, kemm ħlasijiet għall-assikurazzjoni, kemm il-fatturi tax-xiri u kemm il-kerjiet tal-imħażen kienu jgħajtu lill-imħarrek Salvatore Micallef, iben Antonio, u mhux aktar lil Antonio Micallef, missieru u nannu tal-atturi[52]. Dwar valur ta' xi avvjament tal-imsemmi negozju jew xi assi jew stokk ma ssemma xejn fid-denunzji tas-suċċessjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha u wkoll f'dak li kienet tiddisponi l-liġi[53] fiż-żminijiet rilevanti, l-Qorti tqis li ladarba ma tressqux provi tajbin biżżejjed biex juru li n-negozju li kellu Antonio Micallef kien għadu ma ntemmx sal-waqt li miet, u ladarba l-atturi (jekk tassew kellhom interess li jisħqu dwar il-likwidazzjoni ta' xi negozju bħal dak) naqsu li jħarsu d-dispożizzjonijiet tal-liġi fiskali qabel ma setgħu jibqgħu jmexxu fuq pretensjoni bħal dik, l-assi tal-wirt ta' Antonio Micallef għandu jkun dak li ssemma qabel bla ebda żidiet oħrajn. Naturalment, dak li jgħodd għall-imsemmi negozju fiż-żmien tal-mewt ta' Antonio Micallef jgħodd b'aktar saħħa fil-każ tal-mewt ta' Filippa Micallef li ma jidher li qatt mexxiet in-negozju flimkien ma' żewġha u wisq anqas wara li miet, u wkoll minħabba li hija romlot tlettax-il (13) sena u fuqhom wara żewġha;

Illi **għall-finijiet tat-tieni talba attriċi** il-Qorti tgħid li għandha titħaddem ir-regola miġjuba fl-artikolu 1333 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi **għall-finijiet tat-tielet talba attriċi**, l-Qorti tagħraf li l-perit tekniku ressaq deskrizzjoni u valutazzjoni biss dwar il-ġid immobbiljari tal-wirt. Huwa stima l-istess ġid fis-somma ta' mija u sbatax-il elf lira Maltin (Lm 117,000)[54]. Fil-waqt tal-mewt ta' Antonio Micallef, minbarra dak il-ġid immobbli, kien hemm żewġ vetturi (stmati b'kollox Lm

---

[51] Affidavit tal-imħarrek Salvu Micallef f'paġ. 112 tal-proċess
[52] Dokti "1" sa "30", f'paġġ. 119 sa 146 tal-proċess
[53] Art. 40(2) tal-Att XLVI tal-1973 (Kap 239) (imħassar bl-Att. XVII tal-1993); iżda ara wkoll l-art 63(2) tal-Kap 364 li għandu wkoll l-istess regola
[54] Li jġibu € 272,537.35 fi flus tal-lum

450[55]); depożiti (stmati b'kollox Lm 7,660.05[56]); u għamara (stmata Lm 82[57]). Id-dejn tal-wirt kien jikkonsisti fin-nefqa tal-funeral (li telgħet għal Lm 124[58])

Illi ladarba dan il-ġid huwa kollu ġid tal-komunjoni tal-akkwisti, ladarba wkoll ma ntweriex li kien hemm xi ġid parafernali u bi tħaddim tar-regoli msemmija qabel, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ġid tal-wirt ta' Antonio Micallef f'nofs ($^1/_2$) dak il-ġid kollu li l-Qorti identifikat qabel, wara li jitnaqqas nofs il-passiv. Il-valur nett tal-imsemmi wirt ta' Antonio Micallef jitla' għal mija u ħamsa w erbgħin elf sitt mija u ħamsa u sittin euro u erbgħin ċenteżmi (€ 145,665.40);

Illi **għall-finijiet tar-raba' talba attriċi** l-Qorti sejra tilqa' l-istess minħabba li l-ebda waħda mill-partijiet ma qalet li l-qasma tal-ġid ta' Antonio Micallef kellha ssir mod ieħor minn dak li hu (u martu, sa dak iż-żmien) ried u stipula fit-testmenti tiegħu. Kif ingħad aktar qabel, il-biċċa l-kbira mill-wirt għaddih permezz ta' legati. Dan ifisser, li l-ewwel prelegat imur lejn martu, li ħallielha bi proprjeta' sħiħa l-ġid mobbli kollu (magħduda d-depożiti, għamara, vetturi u deheb), u kif ukoll l-użufrutt u tgawdija tal-bqija tal-ġid. Min-naħa l-oħra, l-istess ġid ħallih ukoll (tista' tgħid kollu) f'legati. L-ebda wieħed mill-partijiet ma qanqal xi kwestjoni dwar dawk id-dispożizzjonijiet partikolari jew li minħabba fihom ma tħarsitx il-leġittima;

Illi fil-każ li għandha quddiemha, lill-atturi tħallew saħansitra legat b'titolu ta' proprjeta' assoluta (minflok favur ommhom) ta' żewġ fondi (dawk bin-numri 131/132, Triq il-Wied, Msida). Meta wieħed iqis is-sehem li l-atturi jmisshom (flimkien) mill-ġid ta' nannuhom – jiġifieri $^1/_{14}$ mill-ġid kollu – u jkejlu mal-valur tal-ġid imħolli lilhom bl-imsemmi legat, wieħed għandu jsib li dak li tħalla lilhom, fil-fatt, jaqbeż l-imsemmija kwota. Madankollu, ladarba lanqas ħadd mill-imħarrkin ma qajjem dan il-punt jew imqar ikkontesta t-talba tal-atturi biex jingħataw il-pussess tal-legat imħolli lilhom, il-Qorti ma jżommha xejn milli ssib

[55] Li jġibu € 1,048 fi flus tal-lum
[56] Li jġibu € 17,843.48 fi flus tal-lum
[57] Li jġibu € 191 fi flus tal-lum
[58] Li jġibu € 289 fi flus tal-lum

li din it-talba tal-atturi hija tajba u mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi **għar-rigward tal-ħames talba attriċi** jidher li din kienet l-akbar kwestjoni bejn il-partijiet u li minħabba fiha spiċċaw quddiem il-Qorti. Dan kollu seħħ għaliex meta Filippa Micallef għamlet l-aħħar testment tagħha fl-1974 (u għalhekk wara li kienet mietet omm l-atturi), din dehrilha li taħtar b'werrieta universali tagħha lil ħamsa mis-seba' wlied tagħha. Dwar l-atturi ma qalitx li kienet qiegħda tagħmilhom werrieta diretti tagħha u lanqas tenniet dak li kienet iddisponiet fl-ewwel testment tagħha (*unica charta*) li l-wirt kienet qiegħda tħallih lil uliedha kollha u, fin-nuqqas ta' dawn, bis-sostituzzjoni favur uliedhom. Kemm hu hekk, safejn kien jolqot il-wirt tagħha, hija irrevokat u ħassret il-ħdax-il (11) klawsola tal-ewwel testment li hija kienet għamlet ma' żewġha u daħħlet minflokha klawsola li biha ħalliet b'werrieta tagħha lill-ħames imħarrkin aħwa Micallef u ħalliet barra lill-atturi u lill-imħarrka Tereża Baldacchino. Minkejja din il-klawsola, hija ma semmiet xejn dwar diżeredazzjoni taż-żewġ bniet tagħha;

Illi dan kollu nissel il-jedd fl-imħarrka Tereża Baldacchino u fiż-żewġ uliedha msejħin fil-kawża u kif ukoll favur l-atturi li jitolbu għall-ħlas tas-sehem riżervat. Ħadd mill-imħarrkin ma ċaħad li din il-pretensjoni tal-atturi m'hijiex mistħoqqa, u jidher li dwar din il-kwestjoni, kien saħansitra ntlaħaq qbil u saret likwidazzjoni bonarja ma' l-imħarrka Tereża Baldacchino[59]. Minbarra dan, jidher li l-imħarrkin aħwa Micallef jagħrfu dan il-jedd fl-atturi tant li fit-tielet talba tagħhom fil-kawża li miexja ma' din huma stess talbu l-Qorti tillikwida l-leġittima dovuta lill-aħwa Buġeja. Il-kwestjoni dejjem kienet dwar kemm kien is-sehem mistħoqq lill-atturi, billi missierhom ma riedx joqgħod għas-somma maqbula ma' Tereża Baldacchino bħala leġittima għal uliedu. Dan inqala' minħabba li missier l-atturi (li kien qiegħed jitħabat għall-interessi tagħhom minħabba li kienu għadhom taħt l-eta' meta ommhom mietet) ried li, fil-likwidazzjoni, jiddaħħlu flejjes kontanti li huwa jgħid li kienu jinżammu f'kaxxaforti li huwa nnifsu

[59] Ara Dok "JP", f'paġ. 65 tal-Atti tal-kawża 1615/98

kien ta lil missier il-mara biex jinżammu fiż-żgur il-flus min-negozju; ried li jiddaħħlu l-kerjiet li l-ġid imħolli minn Antonio Micallef kien jirrendi matul is-snin sa ma nfetaħ il-wirt ta' Filippa Micallef; u ried ukoll li ssir il-valutazzjoni tal-għamara li kien hemm fid-dar. Kemm hu hekk, xi tnax-il sena qabel ma l-atturi fetħu l-kawża, hu kien talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni;

Illi dwar il-kwestjoni tan-negozju, l-Qorti ttenni l-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet dwar dan aktar qabel u m'għandhiex x'iżżid. Dwar il-flejjes kontanti li allegatament kienu jinżammu fil-kaxxaforti fid-dar tad-*decuius*, ħareġ mix-xhieda li l-istess kaxxaforti kienet tneħħiet mid-dar tagħha xi żmien qabel ma mietet[60]. Minbarra dan, minħabba li Filippa Micallef kienet tgħix bil-pensjoni, jidher li tul it-tlettax-il sena li damet armla, kellha tuża l-flejjes li kien hemm biex tkun tista' tgħix. Dwar id-depożiti u l-investimenti barra minn Malta, jidher ukoll li wħud minnhom inġibdu biex tħallsu l-ispejjeż tal-funeral tagħha u t-taxxa tas-suċċessjoni wara l-mewt ta' Antonio Micallef[61] u tal-istess imsemmija Filippa Micallef[62]. F'kull każ, dan il-ġid mobbli kien tħalla b'legat lill-imsemmija Filippa Micallef, bħala s-superstiti bejnha u żewġha premort, bi proprjeta' assoluta u dan setgħet tagħmel minnu kif jidhrilha hi. Jekk l-atturi dehrilhom li, meta mietet nannithom, kien għad fadal minn dan il-ġid, kien jaqa' fuqhom li jipprovaw kif imiss u fi grad tajjeb biżżejjed x'kienet il-konsistenza ta' dan il-ġid, ħalli b'hekk il-Qorti tkun tista' tasal għal-likwidazzjoni tiegħu. Minn dak li ħareġ mill-atti, għalkemm issemmew bosta konġetturi, ma tressqu l-ebda provi. Fid-denunzja tas-suċċessjoni tagħha, mbagħad, ingħad li ma kien hemm l-ebda flejjes fid-dar dak inhar li mietet[63];

Illi dwar id-dħul mill-kirjiet għandu jingħad qabel xejn li l-kirjiet li jidħlu mill-ġid immobbli li ħalla Antonio Micallef kien suġġett għat-tgawdija minn martu Filippa (ladarba żewġha Antonio Micallef kien ħalliha użufruttwarja tal-ġid immobbli tiegħu). Naturalment, is-sehem mill-kirjiet fuq

[60] Xhieda ta'l-imħarrek Saviour Micallef 28.6.2005, f'paġ. 185 tal-proċess
[61] Affidavit tal-P.L. John Privitera 7.2.2006 f'paġ. 191 u Dokti f'paġġ. 153 – 5 tal-proċess
[62] *Ibid.*, f'paġġ. 193 – 4 tal-proċess
[63] Ara Dok f'paġ. 47 *tergo* tal-Atti tal-Kawża 1615/98

in-nofs tagħha ta' dak il-ġid kien jedd tagħha minn dejjem. Dan ifisser li, sa ma għalqet għajnejha Filippa Micallef, l-atturi (u l-werrieta maħtura tal-istess Micallef) ma kellhom l-ebda jedd għal dawk il-kirjiet. Wara l-mewt ta' Filippa Micallef, mill-provi ħareġ li l-atturi ngħataw erbat elef tmien mija w tnejn u sebgħin euro (€ 4,872) f'kera mill-post 131, Triq il-Wied, Msida sakemm dan il-post kien dam mikri lil Msida Power Tools Limited. Il-kirja ntemmet f'Ottubru tal-1995. Il-post l-ieħor (132, Triq il-Wied) ma kien mikri qatt[64]. Il-kera li nġabar b'seħħ mill-mewt ta' Filippa Micallef ma kienx jagħmel aktar mill-wirt tagħha, u kien dovut lil-legatarji rispettivi tal-fondi li l-istess kera kien jitħallas minnu;

Illi hemm ġid immobbiljari wieħed li ma jidhirx li ngħata mit-testaturi b'legat lil xi wieħed mill-werrieta. Dan huwa d-dirett dominju perpetwu tal-art li tinsab f'Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar. Id-dħul minn dan id-dirett dominju huwa ta' Lm 10.12,5 fis-sena[65]. Il-perit tekniku ma stmax dan il-jedd fir-relazzjoni mressqa minnu. Għall-finijiet tal-likwidazzjoni, u minħabba li l-enfitewsi ma tagħlaqx, il-Qorti qiegħda tillikwida l-istess jedd ta' dirett dominju fis-somma ta' erba' mija u wieħed u sebgħin euro u sittin ċenteżmi (€ 471.60) li minnhom il-wirt ta' Filippa Micallef jaf biss nofs dak il-valur;

Illi dwar sehem mill-għamara, deheb u ħaġar prezzjuż u fin-nuqqas ta' provi oħrajn, il-Qorti toqgħod fuq l-istima mogħtija fid-denunzja tas-suċċessjoni ta' Filippa Micallef[66]. Din tinbena fuq inventarju li tħejja madwar xahar u tliet ġimgħat wara l-mewt ta' Filippa Micallef[67] L-għamara fid-dar tad-*decuius* u l-valur tad-deheb u ħaġar prezzjuż dak inhar li mietet kienu stmati għall-valur ta' elf tmien mija u tnax-il lira Maltin u erbgħin ċenteżmi (Lm 1812.40)[68]. Għal dak li jirrigwarda d-depożiti tal-investimenti, jirriżulta li, dak inhar li mietet Filippa Micallef, kien għad fadal tnejn iżda dawn intużaw biex tħallset bihom it-taxxa tas-suċċessjoni tal-wirt tagħha. Il-Qorti

[64] Affidavit tal-imħarrek Salv Micallef 11.10.2006, f'paġ. 202 tal-proċess
[65] Li jġibu € 23.58 fi flus tal-lum
[66] Ara Dok f'paġ. 47 *tergo* tal-Atti tal-kawża 1615/98
[67] Ara Dok "JP4", f'paġġ. 82 – 6 tal-Atti tal-Kawża 1615/98
[68] Li jġibu € 4221.76 fi flus tal-lum

sejra tieħu qies ta' da meta tiġi biex tikkonsidra l-passiv tal-istess wirt li għalhekk, u sa ma tingħata prova oħra, sejjer jitqies li ma kellux djun oħrajn;

Illi kif ingħad qabel, is-sehem ta' nofs (${}^{1}/_{2}$) tal-komunjoni tal-akkwisti li kellha Filippa Micallef meta ġie nieqes żewġha kien jiswa mija u ħamsa w erbgħin elf sitt mija u ħamsa u sittin euro u erbgħin ċenteżmi (€ 145,665.40). Madankollu dan ma jistax ikun il-valur li fuqu din it-talba dwar is-sehem tal-leġittima jmissha tintlaqa'. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru dwar x'kien il-ġid li ħalliet Filippa Micallef ma' mewtha. Għalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-valur tal-għamara u tad-deheb li sata' kellha l-mejta jrid jiddaħħal ukoll fil-valur tal-ġid tal-wirt tagħha għall-finijiet tal-kalkolu tal-leġittima;

Illi l-Qorti qiegħda tillikwida l-valur nett tal-wirt ta' Filippa Micallef fis-somma ta' mija u ħamsin elf mija u tnejn u għoxrin euro u sitta u disgħin ċenteżmi (€ 150,122.96);

Illi għalhekk, **għall-finijiet tas-sitt talba attriċi**, s-sehem tal-leġittima tal-atturi mill-istess wirt irid ikun ta' parti minn erbatax (${}^{1}/_{14}$) ta' dak il-valur flimkien bejniethom. Dan iġib is-somma ta' għaxart elef seba' mija u tlieta u għoxrin euro u seba' ċenteżmi (€ 10,723.07);

Illi l-Qorti m'hijiex tal-fehma li dan is-sehem jista' jew imissu jingħata lill-atturi *in natura*. Bi tħaddim tar-regoli li ssemmew aktar qabel, jidhrilha li l-ħlas ta' somma flus għandha tagħmel tajjeb għas-sodisfazzjon ta' dan il-jedd. Irid jingħad ukoll li, bi tħaddim tal-istess regoli, huma biss l-imħarrkin aħwa Micallef li jridu jagħmlu tajjeb għal dan il-ħlas minħabba li kemm l-imħarrka Tereża Baldacchino u kif ukoll uliedha l-imsejħin fil-kawża ma nħatrux werrieta ta' Filippa Micallef. Minbarra dan, irid jgħaddi u jitħallas ukoll l-imgħax fuq is-somma li jmissha titħallas, u dan għaliex minkejja li l-imħarrkin aħwa Micallef għarfu d-dritt tal-atturi għall-ħlas tal-leġittima lilhom dovuta qatt ma iddepożitaw l-ammont li huma ħasbu li kien biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal dan id-dritt. Jekk kienu waslu għal din il-likwidazzjoni ma' oħthom l-imħarrka Tereża

Baldacchino, ma kellhom l-ebda diffikulta' li jiddepożitaw l-ammont li huma kienu jaħsbu li kien mistħoqq u b'hekk jevitaw il-mixja tal-imgħaxijiet. Dan m'għamluhx. Minbarra dan, l-ammont likwidat b'din is-sentenza huwa x'aktarx akbar minn dak li l-imħarrkin Micallef kienu lesti li joffru lill-atturi u li, fil-fatt, ħallsu lil oħthom l-imħarrka Tereża Baldacchino;

Illi **għall-finijiet tas-seba' talba attriċi** l-Qorti sejra tordna lill-imħarrkin kollha, minbarra l-imħarrka Tereża Baldacchino u wliedha msejħin fil-kawża, biex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' għaxart elef seba' mija u tlieta u għoxrin euro u seba' ċenteżmi (€ 10,723.07) bħala l-kwota ta' leġittima (sehem riżervat) lilhom dovuta;

Illi **għall-finijiet tat-tmien talba attriċi** huwa xieraq li, ladarba ħafna mill-ġid li fadal huwa ġid immobbli u minħabba li dak il-ġid kważi kollu mħolli b'titolu ta' legati, il-qasma finali ssir b'att pubbliku biex kull legatarju jitqiegħed fil-pussess formali tal-legat rispettiv imħolli lilu jew lilha skond ir-rieda testamentarja tal-awturi tal-partijiet;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tipprovdi dwar l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn Antonio Micallef u martu Filippa mwielda Tanti jikkonsisti (i) fl-istabili (a) 135, Triq il-Wied, Msida (li kien id-dar taż-żwieġ tad-*decuius*); (b) 136, Triq il-Wied, Msida (ħanut li jmiss mad-dar); (ċ) 131, Triq il-Wied, Msida; (d) 132, Triq il-Wied, Msida; (e) 96A, Triq il-Wied, Msida; (f) 96B, Triq il-Wied, Msida; (ġ) 56, Triq Santa Venera, Msida (maħżen); (ħ) bl-isem ta' "*Ġuża*", 139, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (i) bl-isem ta' "*Tessie*", 141, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (j) bl-isem ta' "*Felle*" jew "*Philly*", 140/2, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (k) bl-isem ta' "*Sunny*", 140/1, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (l) bl-isem ta' "*St John*", 142, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; (m) bl-isem ta' "*St Paul*", 143, Triq il-Kunċizzjoni, Msida; u (n) 13, Vjal il-Qalb ta' Ġesu', San Ġiljan; (ii) d-dirett dominju perpetwu u ċens relativ ta' € 23.58 ta' biċċa art

fabbrikabbli f'Buġibba, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar; (iii) żewġ (2) vetturi: waħda vann tal-għamla *Volkswagen* u l-oħra karozza tal-għamla *Austin*; (iv) ħdax-il (11) investiment *f'Bonds* britanniċi u depożitu bankarju wieħed (1) f'denominazzjoni ta' Lira Sterlina; u (v) għamara u deheb u ħaġar prezzjuż;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tordna l-qasma tal-imsemmi ġid tal-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ (2) ishma ndaqs, b'sehem ikun assenjat lill-ġid partikolari ta' Antonio Micallef u s-sehem l-ieħor lill-ġid partikolari ta' martu Filippa;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida l-ġid partikolari ta' Antonio Micallef fis-somma ta' mija u ħamsa w erbgħin elf sitt mija u ħamsa u sittin euro u erbgħin ċenteżmi (€ 145,665.40);

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tordna li l-ġid ta' Antonio Micallef hekk likwidat jinqasam bejn il-partijiet skond ir-rieda testamentarja tiegħu;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** billi tillikwida l-ġid partikolari ta' Filippa armla minn Antonio Micallef fis-somma ta' mija u ħamsin elf u mija u tnejn u għoxrin euro u sitta u disgħin ċenteżmi (€ 150,122.96);

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tillikwida s-sehem ta' leġittima (sehem riżervat) dovut lill-atturi aħwa Buġeja flimkien u solidalment bejniethom, fis-somma ta' għaxart elef seba' mija u tlieta u għoxrin euro u seba' ċenteżmi (€ 10,723.07);

**Tilqa' s-seba' talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin Filomena, Ġużeppa, Evelyn u Saviour aħwa Micallef flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' għaxart elef seba' mija u tlieta u għoxrin euro u seba' ċenteżmi (€ 10,723.07), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-12 ta' Ottubru, 1986, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tmien talba attriċi** u taħtar lin-Nutar Michael Laferla biex jippubblika l-att nutarili relattiv ta' qasma w immissjoni fil-pussess tal-legati, fil-jum, ħin u post li l-Qorti għandha tordna wara talba li ssirilha għal daqshekk mill-istess nutar pubbliku wara li jkunu tħarsu l-proċeduri kollha mal-awtoritajiet kompetenti biex ikun jista' jsir l-imsemmi att u lill-Avukat Maxilene Paċe bħala kuratriċi deputata biex tidher fuq l-imsemmi att għal dawk li jonqsu li jersqu; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt nutarili relattiv, jitħallsu mill-partijiet skond l-ishma rispettivi tagħhom.  L-imsejħin fil-kawża jħallsu l-ispejjeż tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------